MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru 1/1995

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Ellul Bonnici)**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**Vs**

**Gordon Pace**
**Alan Desira**
**Omississ**
**Omississ**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imsemmija mputati u dan talli f' dawn il-Gzejjer matul l-1995, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda.

Lil Gordon Pace u Alan Desira wahedhom talli:

a) B’ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’ qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b’ ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ krediti mmaginarju, ghamlu qliegh ta’ aktar minn Lm16,700 (sittax –il elf u seba’ mitt Liri Maltin) bi hsara ta’ Oliver Galea u Cachia & Galea Ltd (Art. 308 ta’ Kap 9);

b) Ghamlu falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali. B’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-iskritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-iskritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-imsemmija skritturi foloz (Art. 183 u 184 ta’ Kap 9)

Lil ommissis u ommissis wahidhom talli rrendew ruhhom komplici fir-reati kommessi mill-imsemmija Gordon Pace u Alan Desira, billi xjentement ghenuhom jew assistewhom fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat (Art.42[d] ta’ Kap 9).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (fol 9 ibid) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma ghandhomx oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 10, 11, 18 u 19 tal-atti).

Semghet lill-akkuzati George Saliba u Renald Baldacchino jammettu l-akkuzi fil-konfront taghhom (fol 15, 18 u 19 ibid).

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-26 ta’ Marzu, 1996 fil-konfront tal-istess George Saliba u Renald Baldacchino (fol 26 u fol 27 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat Gordon Pace minn jeddu (fol 113 et seq ibid) u l-provi prodott minnu u ukoll rat dak dikjarat mid-difensur ta' Alan Desira a fol 143 ibid.

Ikkunsidrat

Illi l-Ufficjal Prosekutur (fol 33 et seq ibid) spjega li kien hemm dan il-kaz wara rapport ta' Oliver Galea dwar frodi u approprijazzjoni indebita da parti ta' impjegat tad-ditta rapprezentata minn dan cjoe l-akkuzat Gordon Pace. L-istess Oliver Galea kompla jghid illi l-"istore keeper" impjegat mad-ditta nvoluta Marco Sultana kien gibidlu l-attenzjoni dwar "inkonsistenza fid-"delivery notes". Illi Gordon Pace kien impjegat mal-istess ditta bhala ".... wara l-counter ta' hanut .... li (dan) kien jimla' 'Delivery orders' ghal certi klijenti partikolari "izda" kien ihalli spazju (vojt) bejn il-kliem number of articles "u ..... 'Pieces' u dan "...... sabiex ikunu jistghu jizdiedu z-zeros". L-istess Oliver Galea sahaq li l-akkuzat pace kien ammetta mieghu illi " kien ibaghbas dawn id-delivery notes" minghajr ma dahal f' dettalji. Wara li x-xhud esebixxa tliet dokument (fol 29, 40, 41 tal-atti) konsistenti f' erba' kotba ta' "delivery notes", hames "delivery notes" u zewg "delivery notes" ohra kif markati, dawn tal-ahhar in fotokopja, hu kompla billi qal illi kien interroga lill-istess Gordon Pace u dan kien cahad li kien involut f' dan il-kaz (ara l-istqarrija rilaxxata minn dan a fol 42 et seq ibid). Izda jidher ukoll illi l-akkuzat l-iehor, Alan Desira, kif jidher mill-istqarrija rilaxxata minnu (fol 44 ibid) li dan ".... xtaq li jhallas 'il gwadann kollu derevanti lilu mill-kaz in ezami" ossija ".... ghall-gwadann spettanti lilu bhala sehmu".

Illi Oliver Galea (fol 48 et seq ibid) beda billi qal illi kien jaf liz-zewg akkuzati rimanenti peress li Gordon Pace kien impjegat bhala "salesman mal-istess socjeta' intimata fil-hanut gestit minnha waqt li Alan Desira kien jixtri oggetti mill-istess hanut bhala "salesman". Hu spjega illi jinbieghu mill-istess socjeta ".... xoghol in bulk importat minnha u ghal dan il-ghan jigu diversi "salesmen". Ghal

din l-attivita kummercjali, tintuza s-sistema ta' "delivery notes" li jinhargu mis-"salesmen" tal-istess hanut u a bazi taghhom, tinhareg l-ircevuta relattiva. Fuq dawn in-notes, "bhala regola jitnizzlu l-isem tas-"salesman" li ser ikun jakkwista l-oggetti kif ukoll il-kwantita ta' danni kif ukoll l-isem tas-"salesman" tal-istess ditta u li jkun qed ibiegh. Mela dan id-dokument jimtela mis-"salesman" tal-istess ditta, dak li jkun qed jakkwista jiehu l-istess dokument fil-mahzen jipprezentah lill-"storekeeper" u "s-salesmen" – klijent jinghata l-oggetti specifikati fuqu. Ix-xhud spjega illi l-hlas isir fl-ewwel stadju cioe meta d-"delivery note" timtela u tinghata lis-"salesman" klijent flimkien mal-ircevuta tal-hlas. Dwar il-kaz in desamina matul is-sena in kwistjoni l-"istore keeper" fil-mahzen li jinsab fl-Imsida, kien cempel lix-xhud sabiex jkellmu dwar diskrepanzi fil-kwantita ta' oggetti li kienu ttiehdu a bazi ta' "delivery notes" mahruga minn Gordon Pace, dwar kwistjoni l-istess "xhud" kien thaddet ma' dan l-akkuzat.

Hawnhekk ix-xhud irrefera ghad-dokumenti esebiti in atti a fol 39, 40 u 41 u spjega illi dak immarkat dok KEB1 kien jikkonsisti f' "delivery notes" bhal dawk imsemmijin minnu dak markat KEB2 jikkonsistu f' hames "delivery notes" tas-"salesmen" fl-istess hanut ossija Gordon pace u fuqhom hemm imnizzlin il-marka tal-prodott il-kwalita u d-deskrizzjoni tieghu. Inoltre tinsab il-firma tal-"istore keeper" u ta' dik tas-"salesman" li jkun ircieva l-istess prodotti. Hawnhekk ix-xhud ghamel komparazzjoni bejn dawn il-hames "delivery notes" u dik relattiva bid-Dok KEB 1 u ndika lil Qorti d-diskrepanzi fil-kwalita, per ezempju f' dik immarkata 13299. wara li ghamel referenza ghal diversi "delivery notes:, bid-diskrepanzi fil-kwantita kif spjegata, kollha miktubin minn Gordon Pace u fuq xi wahda il-firma ta' dan l-akkuzat, hu tkellem mal-istess Gordon Pace u dan qallu li kien hu li hareg id-"delivery notes" in kwistjoni, li dwar dan il-kaz kien miftiehem ma' iehor "Alan". Ghalhekk, prezenti x-xhud, Gordon Pace cempel lil din il-persuna, u, fil-fatt , Gordon pace obbliga ruhu li jgib kollox lura. Minflok dan gab lix-xhud is-somma ta' LM1080 jew madwar, waqt li Gordon Pace kien qallu in rigward il-".... bqija" illi "dawk spiccaw". Ghalhekk dawn il-flus ma gewx accettati mix-xhud. Inoltre jidher li kien sar

tentattiv ulterjuri bejn ix-xhud u Gordon Pace, flimkien ma’ missier dan izda ma ntlahaq ebda ftehim. Fl-ahhar nett ix-xhud esebixxa d-dokument a fol 62 tal-atti li fuqu hemm imnizzel, b’ mod dettaljat, l-“ delivery notes” involuti f’ dan il-kaz u li minnu wiehed jista’ jara n-numri ta’ kull “delivery note” il-kwantita ta’ oggetti hemm dikjarati u mhallsin, kif ukoll dak li filfatt gew konsenjati lis-“salesmen” li kien qed jakkwista Principalment biz-zieda ta’ diversi zerojiet.

Illi David Spiteri (fol 44 et seq ibid) involut fil-kompjuterizzazzjoni tal-hanut in kwistjoni ma tantx seta’ jaghti xi nformazzjoni dwar dan il-kaz. hawnhekk gie prodott l-“istore keeper” imsemmi Marco Sultana (fol 67 u fol 137 et seq ibid) u dan wara li spjega li jkun involut biss fil-kunsenja ta’ oggetti lill-klijenti jew “salesman”, bl-ebda mod ma jkun involut fil-hlas tal-prezz relattiv li jigi effetwat skond kif spjega Oliver Galea. Hu ftakar illi dwar dan il-kaz kien hemm erba’ “delivery notes” b’ ammont qawwi ta’ “tapes” fuqhom. Dwar dan oltre li tkellem mal-akkuzat Gordon Pace, kien avza lill-Imghallem tieghu. Dwar l-istess “delivery notes” iffirmati minn Gordon Pace, dawn kienu ngiebu ghandu minn zewg persuni cioe’ Renald Baldacchino u George Saliba (ara “supra”) kif ukoll dak li xehed dwar l-annessi Dok OG1 u OG 2 kif ukoll dok KEB 2 u dokKEB3 u l-oggetti specifikati fuqhom kienu gew konsenjati minnu lil dawn it-tnejn min-nies. Illi l-imsemmija Renald Baldacchino u George Saliba gew prodotti biex jixhdu wara li l-kaz taghhom kien gie definittivament deciz (fol 87 u fol 101 et seq ibid). L-ewwel wiehed spjega li l-akkuza Alan Desira kien inkarigat sabiex jixtrilu “cassettes”, mill-hanut fejn kien hemm jahdmu Gordon Pace u konsistenti f’ erba’ kaxxi tal-prodott imsemmi. Dwar l-istess xoghol, hu hallas lil Gordon Pace li da parti tieghu, tah ircevuta. Flimkien mieghu kien hemm George Saliba u l-istess xoghol inghata lil Alan Desira. In rigward il-prezz imhallas dan kien jammonta ghal Lm60. Hawnhekk ix-xhud semma’, wara li giet iffriskata l-memorja tieghu billi nqrat l-istqarrija rilaxxata minnu u esebita fl-atti, illi hu kien jaghti il-karti moghtija lilu minn Gordon Pace, lil Alan Desira u “ dan (kien) izid iz-‘zeros’ fl-ispazju li kien ihallilu Gordon Pace

.....” u dan taht il-kolonna ta’ “kwantita”. Dwar din il-procedura x-xhud semma’ illi kien ghamilha ghal madwar erba’ darbiet. Dwar l-involviment ta’ Gordon Pace fl-istess procedura, ix-xhud seta’ jghid biss, “ Jiena nahseb li Gordon Pace biex jaf li kien baghtna Alan Desira”.

It-tieni xhud beda billi qal illi kien jaf biss, minn fost l-akkuzati lil Alan Desira. Hawnhekk giet moqrija mill-istess Qorti l-istqarrija bil-miktub rilaxxata minnu. Dan ukoll fil-qasir u fis-sustanza wara certa riluttanza qal dak li kien xehed Renald Baldacchino hlief li ma kienx jaf biz-zieda fil-kwantita li kien jaghmel Alan Desira, waqt li in rigward l-akkuzat l-iehor kien qal “ dak li kien ikun fil-hanut, jiena nsejt x’ jismu izda jkolli narah naghrfu, kien ikun jaf bina”. Inoltre hu kkonferma l-firem fuq “id-delivery notes” immarkati bhala tieghu b’ mod specjali waqt ix-xhieda tieghu ghal dik bid-data tal-10 ta’ Marzu, 1995 wara l-kliem “received by”. L-istess qal dwar id-dokument markat Dok OG 1 a fol 60 ibid u dok OG 2 immedjatament wara. Jigi nnutat pero’, in rigward Gordon Pace illi “ma nafx ghaliex ghidt il-kliem ‘kien jaf bina’”.

Ikkunsidrat

Illi, in difesa xehed Gordon Pace (fol 114 et seq ibid) u dan wara li kkonferma li kien “salesman” fil-hanut in kwistjoni kien spjega l-procedura uzata mill-istess hanut. Hu kkonferma ukoll illi Alan Desira, George Saliba u Renald Baldacchino kienu jigu fil-hanut sabiex jixtru u hu kien jimla “delivery note”, jithallas, johrog “cash sale” if ukoll “chit” u ghalhekk il-klijenti setghu jmorru jigbru l-oggetti in kwistjoni mill-mahzen. Wara l-ahhar ordni li saret, hu kien tkellem mal-“istore keeper” u dan kien qallu illi kien ikkonsenja oggettu lil terzi u “ kienu damu xi siegha u nofs jghabbu. Wara li l-akkuzat staghgeb dwar dan ghax “........ dalghodu ftit bieghejt”, l-istess akkuzat talab sabiex jara l-karti u minn hemm induna “ illi fil-oagni mnizzlin fid-“delivery note”, kien hemm zeros mnizzla” u b’ inka diferenti u di fatti meta vverifika ra li “..... l-kwantita ma kinitx taqbel”. Dwar dan kien hu stess, flimkien ma’ certu “Ritchie” impjegat iehor, li tkellem ma’ Oliver Galea. Izda jidher li dan keccieh ‘l barra minghajr

paga. Ghalhekk l-akkuzat kjien irrikorra ghall-“labour Office” u wara li saret kawza, kien thallas dak dovut lilu bhal paga. Pero’ kien gie interrogat mill-Pulizija u tressaq quddiem il-Qorti. In oltre hu kien cahad li kien ammetta ma’ Oliver Galea li kien involut f’ dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi principali prodotti miz-zewg nahat ossija mill-Prosekuzzjoni u mill-akkuzat Gordon Pace gie pruvat illi kien qed jigi kommess reat ossija reati billi persuna tmur fil-hanut in kwistjoni, u wara li tigi miktuba id-“delivery note” kontenenti ukoll il-kwantita ta’ oggetti mixtrija u jsir il-hlas relattiv, l-istess persuna jew persuni li jkunu ghamlu l-ordni jmorru sabiex issir il-konsenja fil-mahzen sitwat fl-Imsida u dan wara li tkun giet mizjuda l-figura tal-kwantita permezz ta’ zerojiet kif mizjudin skond il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi, certament, involut f’ dak li ghadu kemm inghad, kien hemm l-akkuzat Alan Desira. Dan jidher b’ mod car mill-istqarrija rilaxxata minn dan l-akkuzat u li tinsab a fol 44 u 45 tal-atti liema stqarrija bl-ebda mod ma giet kontestata minnu u ghalhekk tikkostitwixxi prova cara ta’ htija da parti ta’ dan l-akkuzat.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward Gordon Pace, jrid jinghad preliminarjament, illi skond kif jinghad fl-artiklu 661 tal-Kodici Kriminali, konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta’ pregudizzju ghal ebda persuna ohra. Dan ifisser li kull haga li setghet intqalet fil-konfront ta’ dan l-akkuzat mill-ko-akkuzati ghandha tigi skartata meta tigi konsiderata l-htija o meno ta’ dan l-akkuzat (ara ukoll l-artikolu 639 tal-istess Kodici Kriminali). Illi, dan premess, il-Qorti trid tkun konvinta moralment ossija minghajr ma jissussisti dubju dettat mir-raguni dwar l-involviment attiv ta’ dan l-akkuzat fil-kommissjoni tar-reati in ezami. Wara li qieset l-istess provi il-Qorti tara li hu possibbli li dan l-

akkuzat kien, fil-fatt involut attivament fil-kommissjoni tar-reati in ezami. Izda hu possibbli, ukoll li dejjem l-istess akkuzat ma kienx hekk involut fil-kommissjoni tal-istess reati. Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan tenut specjalment ta' dak li qal Oliver Galea dwar l-ammissjoni maghmula lilu minn dan l-akkuzat u l-ispazju li kien jithalla minn dan l-akkuzat fuq "id-delivery notes" involuti sabiex jkunu jistghu jizdiedu minn Alan Desira diversi zerojiet bejn l-ahhar wiehed u l-kelma "pieces" ("pcs"). Dawn iz-zewg fatturi ma kienux sufficjenti fil-fehma tal-Qorti sabiex tikkonkludi li dan l-akkuzat ikkommetta l-istess reati minghajr ma jissussiti dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk ghandu jinstab hati, biss, l-akkuzat Alan Desira.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-akkuzat Gordon Pace mhux hati tal-akkuzi kif migjuba kontrih u tilliberah minnhom waqt li ssib lill-akkuzat l-iehor, Alan Desira hati talli

a) B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' krediti mmaginarju, ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm16,700 (sittax –il elf u seba' mitt Liri Maltin) bi hsara ta' Oliver Galea u Cachia & Galea Ltd

b) Ghamel falsifikazzjoni fi skritturi kummercjali. B' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l-iskritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-iskritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-imsemmija skritturi foloz u dan skond l-artikolu 308, 83 u 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward il-piena, tal-komissjoni ta' dawn ir-reati, Alan Desira, kif jidher a fol 8 tal-atti, kien ikkommetta biss reati kontra r-regolamenti tat-traffiku u ghalhekk jista' jissufruwixxi mill-artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u b' hekk jinghata l-istess trattament li nghataw George Saliba u Renald Baldacchino (ara fol 26 u fol 27 ibid). Ghaldaqstant il-Qorti tordna li Alan Desira jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena millum. Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-istess akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------